MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2022

Appell Inferjuri Numru 460/1997 LM

**Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd. (C 9802)**
*('is-soċjetà appellanta')*

***vs.***

**Nica Limited (C 10261)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà attriċi **Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd. (C 9802)**, [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tat-13 ta' April, 2021, [minn issa 'l quddiem is-sentenza appellata'] li permezz tagħha l-Ewwel Qorti filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mis-soċjetà konvenuta **Nica**

**Limited (C 10261)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’], laqgħet l-eċċezzjonjiet tas-soċjetà konvenuta fil-mertu, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet attriċi.

## Fatti

2. Permezz tat-talba tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetà konvenuta tkun ikkundannata tħallasha l-ammont ta’ disa’ mija u disgħa u għoxrin Lira Maltin u sitta u tletin ċenteżmu (LM929.36), rappreżentanti ħlas għall-konsenja ta’ *lubricating oil* mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta.

## Mertu

3. Is-soċjetà konvenuta laqgħet għal din il-pretensjoni billi wieġbet li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi hija m’għandha tagħti xejn lis-soċjetà attriċi. Eċċepiet ukoll li s-soċjetà attriċi għandha tagħti d-dettalji tal-pretensjoni tagħha u tippreżenta kopja tal-*invoices* oriġinali li abbażi tagħhom qiegħda tivvanta l-pretensjonijiet tagħha.

4. **Michael A. Fenech**, direttur tas-soċjetà attriċi xehed li fil-25 ta’ Ottubru, 1994 kienet saret konsenja ta’ tliet tankijiet żejt lis-soċjetà konvenuta. Qal li kien ċertu Michael Fenech, li f’din il-ġurnata, li kienet l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu mas-soċjetà attriċi, ta struzzjonjiet lix-xufier tal-kumpannija jagħmel dawn il-konsenji lil diversi kumpanniji klijenti tas-soċjetà attriċi. Qal li kuntrarjament għal dak li kien jiġri s-soltu, wara li saret din il-konsenja, is-soċjetà

konvenuta naqset milli tagħti *delivery note* jew *invoice* lix-xufier li mar b'din il-konsenja. Ix-xhud spjega li sussegwentement huwa sar jaf li s-soċjetà konvenuta tmexxi wkoll *petrol station,* u s-soċjetà attriċi kienet tixtri l-bżonnijiet għall-karozzi u t-trakkijiet tagħha mingħand is-soċjetà konvenuta *on credit.* Qal li wieħed minn ħutu kien għamel arranġamenti mas-soċjetà konvenuta biex isir *set-off,* għalkemm qal ukoll li huwa la qatt sema' b'dan l-arranġament, u lanqas kien approvah.

5. **Paul Cassar**, spjega li fl-1994 huwa kien direttur tas-soċjetà konvenuta, u dak iż-żmien il-kumpannija ma kellhiex *accountant.* Qal li huwa kellu sehem minn din il-kumpannija. Spjega li huwa kien jixti ż-żejt mingħand is-soċjetà attriċi, li huwa kien jafha bħala 'tat-Texaco', għalkemm żied jgħid li huwa qatt ma ra *invoices.* Qal ukoll li huwa kien jagħmel l-ordnijiet mingħand ċertu Michael Fenech, u l-ħlas kien isir lilu. Kompla jgħid li l-ħlasijiet ma kinux ikunu dejjem għall-istess ammont, u s-soċjetà attriċi kienet tixtri l-*petrol* mingħand is-soċjetà konvenuta. Qal ukoll li huwa jaf li kien hemm bilanċ ta' ħlas minn qabel l-1995 li ried isir lis-soċjetà attriċi, iżda li kien hemm ukoll ħlasijiet dovuti mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta li jmorru lura għall-1993. Ix-xhud qal li ħafna drabi l-pagament kien isir fi flus kontanti mal-konsenja, u meta l-konsenja kienet tkun waħda urġenti, il-ħlas kien isir wara ftit taż-żmien. Ix-xhud qal li t-tpaċija li ssemmiet mir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi kienet seħħet xi sentejn qabel, u li dan kien l-uniku każ ta' tpaċija li saret. Ix-xhud qal li huwa kien joqgħod ferm attent li ma jirkbuhx il-kontijiet u l-ħlasijiet pendenti.

6. **Charles Cassar** xehed li huwa kien wieħed mill-azzjonisti tas-soċjetà konvenuta, u fl-1994 huwa kellu għadd ta' ishma f'din il-kumpannija. Qal li dak

iż-żmien huwa kien direttur tal-kumpannija flimkien ma' ħuh Paul, u qal li bħala negozju s-soċjetà konvenuta kienet tmexxi *petrol stations* u xogħol anċillari għal dan. Ix-xhud qal li huwa ma jafx b'xi istanza fejn kienu nxtraw għaxar *drums* żejt f'daqqa, u l-aktar li kienu jixtru kienu żewġ *drums* f'daqqa. Qal li l-ordni kienet issir lil Michael Angelo Fenech, li imbagħad kien jibgħat lix-xufier bil-konsenja, u l-ħlas kien isir jew mal-konsenja jew sal-ġurnata ta' wara.

7. Ix-xhud **Michael Angelo Fenech** ikkonferma li meta n-negozju tas-soċjetà attriċi kien jitmexxa mill-aħwa, huma kellhom problemi bejniethom, partikolarment dwar kif kienu ser jaqsmu n-negozju ta' bejniethom. Qal li huma kienu jmexxu numru ta' kumpanniji, u kull kumpannija kienet tmexxi x-xogħol tagħha. Għad-domandi li saru in kontro-eżami, ix-xhud ikkonferma li huwa kien għamel żewġ mandati ta' sekwestru, għal €600 kull wieħed, li jirriflettu l-ammont li kellu jiġbor. Qal ukoll li minkejja li kien hemm diversi pendenzi quddiem il-Qrati dwar il-likwidazzjoni tal-kumpanniji, dawn kollha ġew tranżatti.

8. **Charles Cassar** xehed in kontro-eżami li s-soċjetà konvenuta llum il-ġurnata hija tiegħu personali, u kienet ilha tiegħu għal madwar sittax-il sena. Qal li n-negozju mas-soċjetà attriċi dejjem sar ma' Michael Fenech, u għalhekk ix-xiri u l-ħlas dejjem sar lilu. Qal ukoll li s-soċjetà konvenuta qatt ma kellha dejn mas-soċjetà attriċi. Qal ukoll li qabel l-aħwa Fenech infirdu fin-negozju, kienu marru Michael Fenech u Freddie (Alfred) Fenech għandu, u kienu raw li ma kien hemm l-ebda ħlasijiet pendenti bejn iż-żewġ kumpanniji.

9. **Felix Tabone**, fix-xhieda tiegħu kkonferma li huwa kien impjegat ma' Fuel Oil & Petroleum Limited bħala *driver,* u kkonferma li fis-snin rilevanti huwa kien

jieħu ħsieb il-konsenji tal-kumpanniji. Qal li dak iż-żmien Michael Fenech kien jagħtih l-ordnijiet biex imur jagħmel il-konsenji f'diversi postijiet. Ix-xhud ikkonferma li fl-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu, kien għamel konsenja f'garaxx f'Ħaż-Żabbar, mhux Għajn Dwieli fejn kien imur soltu, u kien saq warajh f'karozza separata Michael Fenech. Ix-xhud iżda kien evażiv meta kien mistoqsi dwar ċerti dettalji, u qal li kien nesa ċerti affarijiet.

## Is-Sentenza Appellata

10. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-13 ta' April, 2021, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta, u laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tagħha fil-mertu, filwaqt li ċaħdet it-talbiet attriċi, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat;***

*Bil-proċeduri odjerni s-soċjetà attriċi titlob li s-soċjetà konvenuta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' LM929.36, illum ekwivalenti għal €2,164.82, rappreżentanti l-valur ta'* lubricating oil *minnha mibjugħ u kkonsenjat lill-imsemmija soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konvenuta tilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi billi hija ma għandha tagħti xejn lis-soċjetà attriċi; (ii) is-soċjetà attriċi għandha tagħti d-dettalji preċiżi tal-pretensjonijiet tagħha u tippreżenta kopji tal-invoices oriġinali li fuqhom qiegħda tibbaża l-pretensjonijiet tagħha. Tirriserva li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri wara li s-soċjetà attriċi tagħti dettalji dwar il-pretensjonijiet tagħha, u bl-eċċezzjoni ulterjuri li l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi kkunsidrata hija dik sollevata mis-soċjetà konvenuta bl-eċċezzjoni ulterjuri tagħha li l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:***

*L-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li* l-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar: ... (b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut.

*B'referenza għall-applikazzjoni ta' dan it-terminu ta' preskrizzjoni l-Qorti tirreferi għal dak osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited, Appell Ċivili Nru. 148/03*** *deċiża fis-7 ta' Diċembru, 2005, fejn appuntu ngħad illi:* skont l-Artikolu 2955(5) tal-Kodiċi Ċivili Taljan jippreskrivu ruħhom bl-għeluq ta' sena d-drittijiet 'dei commercianti per il prezzo della merce vendute a chi non ne fa commercio.' Jidher li f'dan il-liġi tagħna ma segwietx dik Taljana in kwantu tirreferi biss għall-bejgħ bl-'imnut'. L-istess liġi tagħna ma tagħmilx distinzjoni bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa imma jidher, imbagħad, li din id-distinzjoni ġiet supplimentata mill-ġurisprudenza tagħna. Fl-ewwel lok jinsab ritenut illi fil-każ ta' bejgħ 'bl-imnut' huma kontemplati dawk kollha, kummerċjanti jew le, li jbiegħu oġġetti ta' konsum ġjornalier, tant lil min hu kummerċjant kemm lil min mhux. (ara Kollez. Vol. XLV p. III p. 813). Dan ifisser li fl-artikolu 2148(b) il-liġi tagħna tipprexxindi mill-kwalità tal-persuni u anzi ma tħarisx lejn il-vendita partikolari in kwistjoni per se (Kollez. Vol. XLVIII p. II p. 959). L-istess ġurisprudenza tistabbilixxi imbagħad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgħ bl-imnut u bejgħ bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa għall-merce destinata biex dik tiġi rivenduta jew manifatturata f'opra (Kollez. XXIIII p. I p. 909) jew fejn wieħed ibiegħ lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugħa u dan fi kwantità apprezzabbli, allura l-bejgħ hu wieħed bl-ingrossa (Giuseppe Borg v. Dr Giovanni Bonello et nomine et, Appell Ċivili, 22 ta' Ġunju, 1970). Għalhekk il-grossista 'vende per lo più a color i quali commerciano della cosa comprata' mentri l-imnutant 'vende per lo più a compratori e in piccole quantità misurata al disogno di costoro' (Vol. XXI p. III p. 235). Fl-ewwel każ il-kreditu hu suġġett għall-preskrizzjoni kwinkwennali stabbilita fl-artikolu 2156(f), fil-każ tat-tieni għall-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kif provdut fl-artikolu 2148(b). ... Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-kawża "Adrian Strickland nomine v. Anthony Sammut" deċiż fit-3 ta' Ġunju, 1975, 'jiġi hawn rilevat illi n-natura ta' bejgħ bl-ingrossa ma tikkonvertix ruħha f'bejgħ bl-imnut minħabba l-fatt li l-konsenja ta' oġġetti ma ssirx f'daqqa, imma huwa n-negozju globali li jiddetermina taħt liema kategorija għandu jiġi kklassifikat il-bejgħ.'

*Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà konvenuta kienet ilha għal diversi snin, senjatament bejn l-1990 u l-1994, tixtri żejt mingħand is-soċjetà attriċi li hija magħrufa magħha bħala tat-Texaco (fn. 15 xhieda mogħtija minn Paul Cassar,*

*rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2000, fol. 40 sa 44 tal-proċess u xhieda mogħtija minn Michael Fenech mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2001, fol. 53 sa 55 tal-proċess). Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li bħala kwantitajiet ma kinitx tixtri ħafna, l-iktar l-iktar żewġ drums żejt f'daqqa (fn. 16 xhieda mogħtija minn Charles Cassar, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu, 2005, fol. 110 sa 113 tal-proċess), u li dan iż-żejt ma kenitx tbiegħu iżda kienet tużah fil-karozzi tal-klijenti tagħhom li jinbidlulhom iż-żejt u l-filters (fn. 17 xhieda mogħtija minn Charles Cassar, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2015, fol. 236 u 237 tal-proċess). Fir-rigward tax-xhieda in eżami li ta waqt is-seduta tat-18 ta' Ġunju, 2015 (fn. 18 fol. 236 u 237 tal-proċess), Carmel Cassar, rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, iddikjara li dan iż-żejt akkwistat mingħand is-soċjetà attriċi kien jintuża* għas-servizz tagħna *iżda in kontro-eżami għall-mistoqsija* mela qed tgħid li biex tbiddlu ż-żejt u l-filter ta' xi karozzi, intom bl-istation hux hekk, ara taqblux li parti mis-servizzi li kontu tagħtu fl-istation huwa bdil ta' żejt u filters tal-karozzi tal-klijenti tagħkom? *Huwa wieġeb* li jiġu hemmhekk fl-istation *u għall-mistoqsija ulterjuri* jiġifieri kienu jiġu hemmhekk biex jibdlu ż-żejt u filter? *Carmel Cassar wieġeb* iva *u mill-ġdid għall-mistoqsija* u taqbel miegħi li dan iż-żejt kien jintuża wkoll fil-karozzi tal-klijenti li kienu jiġu għandkom biex ibiddlu ż-żejt u l-filter? *Huwa wieġeb* iva.

*Minn dan kollu jirriżulta għalhekk li bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta kien hemm negozju kummerċjali li dam għaddej għal ben ħames snin fejn is-soċjetà konvenuta kienet minn żmien għal żmien takkwista drums taż-żejt mingħand is-soċjetà attriċi, liema żejt kien jiġi minnha utilizzat fl-operat tan-negozju tagħha minn ġol-petrol station proprjetà tagħha, senjatament kien jintuża minnha meta klijenti tagħha kienu jitolbu biex jinbidlu ż-żejt u l-filters tal-vetturi tagħhom. B'hekk dan ma kienx każ ta' konsenji individwali iżda ta' forrnituri irregolari ta' żejt għall-finijiet tan-negozju tas-soċjetà konvenuta.*

*Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċ) fis-sentenza fl-ismijiet* ***Giovanni Micallef v. Giuseppe Azzopardi,*** *deċiża fid-19 ta' Ġunju, 1933:* che da ciò emerge anche chiaro i rapporto interceduti tra l'attore e il convenuto sono rapporti dell'indole commeriale perché il citato non acquistava il vino per proprio uso ma per venderlo nella sua bottega ... E quindi le somministrazioni e consegne che l'attore faceva al citato, come evincesi dal complesso di prove, non devono considerarsi come singole consegne a credenza ma come diverse forniture da formare un solo conto.

*Meta dawn il-fatti jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi iktar 'il fuq ċitati relattivament għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta,*

*jirriżulta b'mod ċar li fil-każ in eżami n-negozju bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta ma jistax jitqies li kien wieħed bl-imnut u konsegwentement għalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-imsemmi artikolu tal-liġi mhux applikabbli għall-każ in eżami.*

*Għalkemm is-soċjetà attriċi tikkontendi li se mai il-preskrizzjoni applikabbli hi dik ta' ħames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (fn. 19 nota responsiva tas-soċjetà attriċi ppreżentata fl-10 ta' Marzu, 2016, fol. 261 sa 273 tal-proċess), il-Qorti ma tistax tidħol f'din il-kwestjoni u tittratta l-applikabilità u/jew id-dekors o meno ta' dan it-terminu ta' preskrizzjoni fil-każ in eżami stante li l-istess ma ġiex sollevat mis-soċjetà konvenuta. Din l-osservazzzjoni tal-Qorti ssib konferma f'dak provdut fl-artikolu 2111 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li* l-Qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata *u f'dak osservat fis-sentenza riportata fil-Volum XXXIII tal-Kollezzjoni ta' Sentenzi tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Pt. I pg. 481: "*din il-Qorti ma tistax teżamina jekk hijiex applikabbli xi dispożizzjoni oħra f'materja ta' preskrizzjoni, għaliex ġie dejjem stabbilit fil-ġurisprudenza, u del resto huwa konsentaneju għar-raġuni u għall-ispirtu fondamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik għandha tiġi invokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u teżamina jekk kienx hemm xi preskrizzjoni li tista' tkun applikabbli, peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza.

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta għalhekk li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mis-soċjetà konvenuta ma hijiex ġustifikata u bħala tali ma għandhiex tiġi milqugħa.*

*Trattata din il-kwistjoni l-Qorti sejra tgħaddi biex tittratta l-azzjoni attriċi fil-mertu, fid-dawl tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà konvenuta.*

***Azzjoni attriċi fil-mertu:***

*Kif ġià 'l fuq osservat, bil-proċeduri odjerni s-soċjetà attriċi tesiġi ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' LM929.36, ekwivalenti għal €2,164.82, rappreżentanti l-valur ta' għaxar drums żejt minnha lilha mibjugħ u konsenjati.*

*Fir-rigward tal-bejgħ u konsenja ta' dawn id-drums taż-żejt, Michael Angelo Fenech, rappreżentant tas-soċjetà attriċi, iddikjara li* l-konsenja saret fil-25 ta' Ottubru, 1994 u saret mid-driver impjegat mas-soċjetà attriċi ċioe Felix Tabone. Jieħu ħsieb il-bejgħ taż-żejt għas-soċjetà attriċi kien hemm it-tifel ta' ħija, Michael Fenech. Però hawnhekk nixtieq ngħid li dan la kien direttur tas-soċjetà attriċi u lanqas kien impjegat magħha u lanqas ma kien shareholder. Qed nirreferi għal Michael Fenech it-tifel ta' ħija. L-istess ngħidu in rigward Alfred Fenech. Dan lanqas ma kien direttur, la impjegat u lanqas shareholder ta' Fuel Oil & Petroleum Co. Ltd. Michael Fenech fil-fatt kien

impjegat ma' kumpannija oħra appartenenti lilu u lil ħija Alfred. Nerġa' ngħid, però li Michael Fenech kien inkarigat miż-żejt in konnessjoni mas-soċjetà attriċi. L-aħħar ġurnata li fil-fatt Michael Fenech u Alfred Fenech kienu ġew għax-xogħol kienet fil-25 ta' Ottubru, 1994 minħabba li nqalgħu problemi. F'din id-data li semmejt, Michael Fenech kien ta ordnijiet lid-driver li semmejt sabiex jagħmel il-konsenji lil diversi kumpanniji klijenti tas-soċjetà attriċi. Bħala użanza d-driver kien jingħata invoice jew delivery note, kopja tibqa' għand il-kumpannija, id-driver jagħmel id-delivery u jġib il-firma tal-klijent, jew fuq l-invoice jew fuq id-delivery note. F'dan il-każ però, lill-klijent ċioe Nica Limited ma taha l-ebda dokument. La delivery note u lanqas invoice. Biex inkun preċiż Michael Fenech ma kienx ta d-dokumenti lid-driver. Wara li għaddew xi jumejn ġie d-driver għandi u qalli li Michael Fenech kien tani l-ordnijiet in kwistjoni. Li Michael Fenech ma kienx tah karti sabiex il-klijenti jiffirmawhom. Michael Fenech kien qallu li kien ser jieħu ħsiebhom hu dawn l-invoices jew delivery notes. Però d-driver qalli li f'dan il-każ kienet saret il-konsenja. Wara li d-driver qalli hekk jiena ħriġt delivery note fi kliemi stess delivery document u fuq dan niżżilt il-kwantità ta' żejt li d-driver qalli li kien ikkonsenja. Jien ġiegħelt lid-driver jiffirma dan id-dokument u jniżżel fuqu n-numru tat-truck. ... qed nuri l-oriġinal tal-konsenja li fil-fatt ma kinitx ta' tliet tankijiet kif semmejt aktar 'il fuq iżda ta' għaxar tankijiet. Fl-istess waqt qed nesebixxi fotokopja tal-istess dokument li fuqu hemm imniżżel *certified true copy in my records* u l-firma tiegħi – fol. 27 tal-proċess. Fuq dan id-dokument hemm imniżżel in-numru tat-truck u l-firma tad-driver li semmejt u l-firma tiegħi wara l-kliem *issued by.* Sadanittant ċempilt lit-tifel ta' ħija Michael Fenech u għidtlu dak li kien qalli d-driver ċioe li ma kienx ta d-dokumenti in rigward konsenja. Michael Fenech qalli li kien għamel l-invoices u kien ħallihom fl-uffiċċju tal-istess kumpannija. Però għidtlu li ma sibtx dawn l-invoices. Għidtlu biex jiġi jurini fejn qegħdin. Però hu rrifjuta li jagħmel dan. Kont ċempilt wara lil Paul Cassar li jiġi ħu Charles Cassar preżenti, in rappreżentanza ta' Nica Ltd. Jien tkellimt ma' Paul Cassar u dan qalli li kienet saret il-konsenja u kien ingħata l-invoice. Tlabtu kopja. Hu aċċetta li jagħmilli kopja però avolja ċempilt diversi drabi, din il-kopja qatt ma rċevejtha. Meta minn Ottubru sar Diċembru 1994, jiena ddeċidejt li noħroġ l-invoice. Għalhekk jiena ser nesebixxi l-oriġinal li tinżamm mill-kumpannija liema invoice intbagħtet minni f'Diċembru 1994 u għadha n-numru 000855A. Fl-istess waqt qed nesebixxi vera kopja ta' din l-invoice li jiena bgħatt lil Nica Ltd. Fuqha hemm imniżżel *certified true copy in my records* u l-firma tiegħi – fol. 28 tal-proċess. Qabilha kont bgħatt l-invoice lid-ditta konvenuta. Jiena xorta waħda bqajt inċempel lil Paul Cassar sabiex jibgħatli kopja tal-invoice fil-pussess tagħhom diġà. Fis-16 ta' Jannar, 1995 Paul Cassar kien infurmani li kien għadda l-karti lill-Avukat tiegħu. Meta staqsejtu għaliex qalli għax hekk l-aħjar. Sussegwentement saru diskussjonijiet. Fil-fatt in rigward dan il-każ qatt ma tkellimt

mal-konvenut nomine preżenti fl-awla, Charles Cassar. Dejjem tkellimt ma' ħuh Paul Cassar. Paul Cassar spjegali li huma għandhom petrol station. Kellhom xi kuntratt ma' kumpannija oħra tagħna. Din l-aħħar kumpannija tagħna kienet tixtri l-bżonnijiet li kellha in rigward karozzi u trakkijiet tagħna mingħand is-service station tal-konvenut. Il-kumpannija tagħna kienet tixtri on credit. Milli smajt, ħija Alfred kien għamel arranġamenti mas-soċjetà konvenuta sabiex isir set-off. In rigward il-kumpannija l-oħra tagħna jisimha Med Oil jekk ma inhix żbaljat. Però ma nistax niftakar fuq liema kumpannija konna nixtru mingħand is-soċjetà konvenuta. In rigward dan il-ftehim ta' set off jiena qatt ma kont naf bih. Qatt ma approvajtu. Meta tkellimt ma' Paul Cassar dwar dan, hu kien qalli dwar dan il-ftehim ta' set off qatt ma kien tkellem miegħi iżda kien tkellem ma' ħija Alfred (fn. 20 xhieda mogħtija minn Michael Angelo Fenech waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru, 1999, fol. 20 sa 26 tal-proċess).

*Minn din ix-xhieda huwa evidenti li d-*delivery document *relattiv għall-allegat bejgħ u konsenja ta' għaxar drums taż-żejt lis-soċjetà konvenuta sar* ***wara*** *l-allegata konsenja tal-istess u addirittura ġie ffirmat mid-driver li allegatament ikkonsenja ż-żejt* ***ad insaputa u mhux fil-preżenza ta'*** *rappreżentant tas-soċjetà konvenuta. Apparte minn hekk dan id-*delivery document *ġie ffirmat minn Michael Angelo Fenech li però ammetta li hu personalment ma kienx involut fin-negozju mas-soċjetà konvenuta in kwantu dan kien f'idejn it-tifel ta' ħuh Alfred, ossia f'idejn Michael Fenech, u in effetti lanqas ma kien jaf b'din il-konsenja żejt imma jikkontendi li sar jaf biha għax qallu biha dan Felix Tabone.*

*Biex tipprova tagħti kredibilità lil dan id-dokument u lill-pretensjoni tagħha fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, is-soċjetà attriċi ressqet bħala xhud lil Felix Tabone, id-driver li suppost qed jikkonsenja ż-żejt lis-soċjetà konvenuta. Dan Felix Tabone xehed illi* qed niġi muri d-dokument a fol. 27 tal-atti, li huwa dokument in fotokopja dwar konsenja li saret fil-25 ta' Ottubru, 1994. Speċifikatament qed niġi muri l-firma li tinsab in-naħa t'isfel fil-lemin. L-ewwelnett ngħid li jiena kont insuq truck C 25001, ċioe dak in-numru tat-truck imniżżel wara l-firma. In rigward dik il-firma, li hemm wara *driver signature*, wara li eżaminajt ftit fit-tul din il-firma, ngħid li l-firma tiegħi tixbaħha. Qed nerġa' niġi muri l-istess dokument a fol. 27. Niftakar li kont ħadt xi konsenja ġo Petrol Station Għajn Dwieli però ma niftakarx kinitx il-konsenja indikata fuq l-invoice a fol. 27. Hawnhekk qed niġi muri l-oriġinal tal-fotokopja li qed issirli referenza għaliha invoice number A 000051 kulur orange. Il-Qorti vverifikat li din hija vera fotokopja tal-oriġinal li qed neżamina issa. Wara li eżaminajt dan id-dokument ngħid li naħseb li din hija l-aħħar karta li ffirmajt ċioe l-aħħar karta li biha ħriġt '*delivery note*'. Niftakar li wara kont tlaqt. Niftakar li din l-aħħar *delivery note* kienet f'petrol station f'Għajn Dwieli. Biex inkun aktar speċifiku ngħid li d-*delivery note* saret

fil-garage tagħhom ġo Ħaż-Żabbar, ċioe ta' Nica Limited (fn. 21 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Frar, 2003 fol. 79 u 80 tal-proċess).

*Meta Felix Tabone reġa' xehed waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2015 (fn. 22 fol. 242 sa 250 tal-proċess), huwa ddikjara li solitament meta kien ikkonsenja xi xogħol għas-soċjetà attriċi għand il-klijenti tagħha huwa kien* inwassalhom imbagħad jekk jagħtini delivery note jiffirmali fuqha u jekk ma tanix id-delivery note ikun hemm hu u jiffirmalu. *Mistoqsi jiċċara jekk meta jkollu* delivery note *jiffirmalu l-klijent u jekk ma jkollux kien ikun hemm Michael Fenech, Felix Tabone wieġeb* Michael Fenech iva. *Huwa ikkonferma li solitament huwa ma kienx jiffirma d-*delivery notes *u li fir-rigward tad-*delivery note *mertu ta' dawn il-proċeduri huwa kien ġie mġiegħel jiffirmaha minn Fenech. Felix Tabone żied jgħid li l-aħħar* delivery *li huwa għamel versu s-soċjetà konvenuta kienet f'garage f'Ħaż-Żabbar u li dakinhar kien hemm ukoll Michael Fenech li skontu kien ħa ħsieb il-karti hu. Oltre milli seħħ f'tali okkażjoni, Felix Tabone ma ftakar xejn iktar, la min kien tah struzzjonijiet biex jagħmel il-konsenja Ħaż-Żabbar u lanqas meta ġie mġiegħel jiffirma d-*delivery document, *kopja ta' liema tinsab esebita a fol. 27 tal-proċess.*

*Oltre Felix Tabone s-soċjetà attriċi ressqet bħala xhud lil Michael Fenech (fn. 23 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2001, fol. 53 sa 55 tal-proċess) illi xehed illi* jiena kont involut ma' diversi kumpanniji li fihom kien involut Michael Angelo Fenech, fosthom is-soċjetà attriċi. Qed niġi muri dokument a fol. 27 tal-atti ossia invoice A000051 datat 25 ta' Ottubru, 1994. Nixtieq nispjega li dan id-dokument ma huwiex *invoice* iżda *delivery note*, ossia *docket*. In rigward ta' dan id-dokument, ma kontx jiena li ħriġtu. Jekk qed nagħrafha sew, il-firma fuq dan id-dokument hija tal-istess Michael Angelo Fenech. L-istess ngħidu għad-dokument a fol. 26 tal-atti, ħlief li dan huwa, fil-fatt, *invoice*. Lanqas ma kont jien li ħriġt dan id-dokument. Dan l-aħħar invoice huwa datat 9 ta' Diċembru, 1994. F'din id-data jiena ma kontx involut mad-diversi soċjetajiet, fosthom dik attriċi. In rigward id-delivery date fuq id-dokument a fol. 28, ossija 25/10/94, jien kont għadni però impjegat mad-diversi soċjetajiet. Hawnhekk nixtieq nispjega illi d-*delivery dockets* bħal fol. 27, l-aktar li kienu jinħarġu kienu għal vapuri, u mhux għal postijiet bħal vapuri u mhux għal *service station*. Is-soċjetà konvenuta fil-fatt tiġġestixxi *service station*. Lill-ħaddiema jiena dejjem tajthom *invoice*. Qatt ma tajthom *delivery docket*. Niftakar li ċerti aħwa Paul u Charles Cassar. Dawn kienu joperaw Nica Ltd. Jiena żgur li mingħandna ħadu konsenji matul iż-żmien meta jiena kont impjegat mas-soċjetà attriċi u s-soċjetajiet l-oħrajn. Dan kien bejn in-1990 u n-1994, kważi ħames snin. In rigward jekk kienx hemm xi set off, bejn Nica Ltd u s-soċjetà attriċi, inkun irrid nara l-kotba tal-kumpannija. Fost il-kumpanniji li jien kont involut fihom, kien hemm minnhom li riedu jixtru prodotti petroliferi

mingħand Nica Ltd. Daqqa kienet tixtri kumpannija u daqqa kienet tixtri kumpannija oħra mingħand Nica Ltd.

*Xehdu wkoll Paul Cassar u Charles Cassar, rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, u dawn anke bħala xhieda prodotti mis-soċjetà attriċi stess. Entrambe x-xhieda però ċaħdu bl-aktar mod kategoriku li s-soċjetà minnhom rappreżentata għandha pendenzi mas-soċjetà attriċi u addirittura jikkontendu li qatt ma xtraw għaxar drums żejt f'daqqa, l-iktar li qatt xtraw kienu żewġ drums, u li huma ħallsu dak kollu dovut lill-imsemmija soċjetà.*

*Paul Cassar (fn. 24 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar, 2000, fol. 40 sa 44 tal-proċess) iddikjara li* jiena f'isem il-kumpannija Nica Ltd. kont nixtri żejt mingħand is-soċjetà attriċi li jiena nafha bħala t-Texaco. Qatt ma rajt però invoices. Jiena kont nagħmel l-ordni għand is-salesman Michael Fenech diġà semmejtu u safejn naf jiena aħna dejjem ħallasna. Il-pagament ma kienx ikun dejjem l-istess. Is-soċjetà attriċi kienet tieħu wkoll il-petrol mingħandna. Qabel l-1995, niftakar li kien hemm xi kont li aħna kellna nagħtu lis-soċjetà attriċi, però l-istess soċjetà kellha tagħtina wkoll. Dan kien matul in-1993 jew 1994. Niftakar li kont tħallast b'ċekk ta' xi mitt lira. Kif tħallast jiena ffirmajtu u tajtu lura lil Michael. Dana kien bħala pagament li kellna nagħtu aħna. Bħala ammont qed insemmi eżempju. Aħna ma nżommux il-karti ta' ħames/sitt snin ilu. Dan huwa diffiċli. B'referenza għal dak is-set off li semmejt ma nistax niftakar ma' liema kumpannija. B'referenza għas-soċjetà attriċi seta' kien sar dan is-set off. Bejn Ottubru u Novembru 1994, ma niftakarx li Michael Angelo Fenech kellimni fuq dan il-kont. Issa ngħid li jista' jkun. Ma niftakarx, però. Ma jidhirlix li Michael Angelo Fenech talabni xi kopja tal-*invoice* relattiv. Inwieġeb ma nafx. Mal-konsenja fil-biċċa l-kbira konna nħallsu cash. Meta però kien ikun każ ta' konsenja urġenti kienet issir il-konsenja u imbagħad inħallsu xi ftit wara. Ma nafx jekk din kinitx l-unika okkażjoni li ma nħareġ ebda *invoice.* B'referenza għall-konsenji li ġieli ħallasna mal-konsenja u ġieli wara f'każ ta' konsenji mgħaġġlin. Jiena ngħid li bħala pagamenti aħna bqajna dejjem in order anke ma' nies oħrajn. B'referenza għas-set off li semmejt qabel, ossija tpaċija, din ġrat f'okkażjoni waħda. Jekk niftakar sew din is-set-off saret matul in-1992 jew 93 ċioe fi kliemi stess qabel spiċċaw bejniethom. Qatt ma niftakar li Michael Angelo Fenech approwċjani u talabni kopja tal-*invoices* biex ngħaddihom lill-avukat tiegħu. Ma niftakarx li qatt ġara hekk. ... Bħala salesman in konnessjoni ma' transazzjonijiet dejjem kien jidher Michael Fenech mas-soċjetà attriċi. Ma nafx li wara t-tpaċija li semmejt kellniex xi kontijiet pendenti. Konna nieħdu l-konsenji mingħand is-soċjetà attriċi u aħna konna nħallsu. Mingħalija fl-aħħar, qabel ma spiċċajt mas-soċjetà attriċi kien hemm xi kont pendenti però dan kien jirreferi illi aħna kellna nieħdu xi ħaġa mingħand is-soċjetà attriċi. Dan kien madwar LM30. Mhux suppost li

aħna kellna xi kont pendenti. Jiena fi kliemi stess kont noqgħod attent li ma jirkbunix il-kontijiet peress li kellna loan pendenti. Ma nistax ngħid x'kien jisimha l-kumpannija li minnha erġajt iġġirajt iċ-ċekk bħala tpaċija. Ma niftakarx mingħand min kellna nieħdu dawn il-LM30 bħala kumpannija.

*Charles Cassar (fn. 25 xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu, 2005, fol. 110 sa 113 tal-proċess) xehed illi* b'referenza għall-kawża in eżami ... aħna qatt ma xtrajna f'daqqa għaxar (10) drums ta' żejt, l-aktar li xtrajna kien forsi tnejn (2) f'daqqa. Aħna konna nagħmlu l-order lil Michael Angelo Fenech, jinżel id-driver tiegħu bl-ordni u aħna konna nħallsu tal-konsenja jew mal-istess konsenja jew il-massimu l-għada. Hawnhekk nixtieq nikkoreġi ruħi. Għall-ħlas ma kienx jgħaddi Michael Angelo Fenech iżda Michael Fenech it-tifel ta' Alfred Fenech. Jiena ninnega li qatt xtrajna għaxar (10) drums ta' żejt f'daqqa bħal fil-każ in eżami. Dwar dan ma niftakar xejn dwar il-konsenja jekk fil-fatt din ma saritx. Aħna lilhom qatt ma begħejna żejt. Aħna konna nixtru biss. Qed niġi mistoqsi jekk konna begħejna xi petrol jew diesel lil xi kumpannija jew kumpanniji li fihom ta' Fenech kienu involuti. Dwar dan ġieli għaddew mingħandna u xtraw. Qed nirreferi dejjem għal petrol jew diesel. In rigward dawn il-kumpanniji ma niftakarx x'jisimhom. Naf li kienu però involuti bħala Texaco. Bħala kumpannija ma nafx jekk il-bejgħ ta' petrol u diesel kienx isir lill-istess kumpannija li mingħandha konna nixtru l-prodotti l-oħra taż-żejt. M'għandix idea jekk dak iż-żmien konniex nagħtu bid-dejn prodotti ossija petrol jew diesel lil xi kumpannija ta' Fenech. In rigward dan qatt ma kellna problemi mal-kumpanniji ta' Fenech. Ma niftakarx jekk kienx hemm xi ftehim ta' credit ma' dawn il-kumpanniji. Ma niftakarx min kien jaġixxi ta' accountant fiż-żmien in kwistjoni ċioe fl-1994 jew qabel. Ma niftakarx jekk ħija Paul kienx kellimni illi Michael Angelo Fenech kien talbu kopja ta' *invoice*. Preżentement l-accountant tagħna huwa ċertu Victor Camilleri.

*Meta Charles Cassar reġa' xehed fis-seduta tal-1 ta' Lulju, 2013 (fn. 26 fol. 215 sa 217 tal-proċess), huwa ddikjara li* aħna qatt m'għamilna negozju la ma Kelly Fenech u lanqas ma' Freddy Fenech. Aħna dejjem għamilna negozju ma' Michael Fenech, in-neputi tagħhom. Aħna dejjem ma' Michael Fenech innegozjajna ... kien jiġi hu għandna, kien ikun għaddej u jieqaf jgħidilna għandkom bżonn xi ħaġa u dawn l-affarijiet, imma dejjem miegħu, dejjem xtrajna mingħandu u anke ħallasna dejjem lilu. ... dan kien iġibilna l-kont u nħallsuh, issa jekk inbidlu x'ismijiet jew xi affarijiet, jien ma nafx. Jien dejjem tajthom lil Michael Fenech, qatt ma kelli dejn magħhom, kull ċertu żmien kien jiġu kull meta kien qisu jiftakar, kull xahrejn jew tlieta u jgħidilna isma' hawn dan id-deficit bejnietna u naqbad u ngħidlu ħa, ġieli kellhom jagħtuna huma flok nagħtihom jiena. *Mistoqsi jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex tagħti lis-soċjetà attriċi, Charles Cassar wieġeb* le, Sur Maġistrat u bil-ġurament li le. ... jista' jiġi

Michael Fenech għax dejjem miegħu ssettiljajna kollox. Aħna konna ninnegozjaw mat-Texaco, it-tankijiet u l-landi Texaco kienu jkunu. Darba meta kienu se jisseparaw bejniethom ġie Michael Fenech. ... qabel ma sseparaw ġie Michael Fenech u Freddie Fenech u raw x'kien hemm pendenti bejniethom u ssettiljajna kollox, jiġifieri la kellhom jagħtuna u lanqas kellna nagħtuhom. ... Konna kklerjajna żgur għax kienu ġew huma. ... Lil Kelly ftit li xejn kellimtu, u kellimtu għax kien jieqaf għandi għad-diesel bil-karozza u saħħa u bonġu u daqshekk.

*Il-Qorti tosserva li huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li* jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni ċentrali tiegħu illi l-konvenut huwa debitur tiegħu. Sakemm dan ma jagħmlux il-konvenut jibqa' assistit mill-prinċipju illi l-piż tal-prova huwa l-ewwel mixħut fuq l-attur. Huwa biss f'każ illi l-attur ikun irnexxielu imqar 'prima facie' jstabbilixxi t-teżi tiegħu illi imbagħad il-piż tal-prova jisposta ruħhu għal fuq il-konvenut. Kif jingħad mill-Phipson "On Evidence", 11th Edition, para 103 *"In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima facie case."* L-istess awtur jispjega wkoll (op. cit. Para 91) illi r-regola 'ei qui affermat non ei qui negat incumbi probatio' *is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case*" (fn. 27 Joseph Camilleri v Emanuel Calleja, Appell Ċivili Nru. 554/00 deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar, 2003.

*Prinċipju ġuridiku ieħor assodat fis-sistema nostrali huwa li* min jallega l-pagament għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-Qorti. Fid-dubju u fin-nuqqas ta' irċevuta għandha tipprevali l-presunzjoni li dejn ma tħallasx, jekk ma jiġix pruvat ... b'mezzi oħra li l-attur huwa sodisfatt. Naturalment l-attur li jallega d-debitu għandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jagħmel dan, jibqa' jimpera l-prinċipju 'actor non probante, reus absolvitur" (*fn. 28 – Andrew Dalli v. Michael Balzan noe, Ċitazz. Nru. 187/90 deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Jannar, 2003).*

*Applikati dawn il-prinċipji ġuridiċi għall-każ in eżami, il-Qorti ma hijiex affattu konvinta – dana lanqas moralment konvinta – li s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fl-ammont minnha pretiż. Is-soċjetà attriċi fil-fatt ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfaċenti li fil-25 ta' Ottubru, 1994 hija għamlet konsenja ta' għaxar drums żejt lis-soċjetà konvenuta u li konsegwentement l-imsemmija soċjetà għandha tħallasha l-valur ta' tali konsenja.*

*Il-prova prinċipali tas-soċjetà attriċi huwa d-*delivery document *datat 25 ta' Ottubru, 1994 esebit minn Michael Angelo Fenech a fol. 27 tal-proċess. Dan id-dokument però*

*ġie kkreat u ffirmat minn Michael Angelo Fenech stess, persuna li ma kellha assolutament xejn x'taqsam mal-allegata konsenja, ġranet wara li suppost seħħet l-istess konsenja. Il-veraċità ta' dan id-dokument u tal-allegata konsenja ma ġiet ikkonfermata u kkorroborata bl-ebda mod. Michael Fenech, li kien il-persuna li attwalment kien jinnegozja mas-soċjetà konvenuta, iddikjara li ma kinitx prassi tas-soċjetà attriċi li jinħareġ* delivery document *f'każ ta' bejgħ lil postijiet bħal* petrol stations. *Huwa ddikjara li* delivery documents *ġeneralment kienu jinħarġu għall-bejgħ ta' żejt lill-vapuri. Apparte minn hekk huwa fl-ebda ħin ma qal u wisq anqas ikkonferma li fil-25 ta' Ottubru, 1994 is-soċjetà attriċi għamlet konsenja ta' għaxar drums żejt lis-soċjetà konvenuta. Felix Tabone, ix-xufier li allegatament ikkonsenja l-għaxar drums żejt lis-soċjetà konvenuta u l-persuna li suppost nforma lil Michael Angelo Fenech b'din il-konsenja ġranet wara li saret, kien ferm skomdu u addirittura inċert waqt ix-xhieda tiegħu, kemm meta xehed fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2003 (fn. 29 fol. 79 u 80 tal-proċess) kif ukoll meta xehed fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2015 (fn. 30 fol. 242 sa 250 tal-proċess). Għalkemm għaraf il-firma tiegħu fuq id-dokument a fol. 27 tal-proċess, mingħajr tlaqliq qal li solitament huwa ma kienx jiffirma karti għas-soċjetà attriċi u li kien Michael Angelo Fenech illi ġiegħlu jiffirma dan id-dokument partikolari fl-uffiċċju tiegħu. Għalkemm ikkonferma li kien għamel xi konsenja fil-*petrol station *tas-soċjetà konvenuta, ma setax jikkonferma li l-konsenja li tidher fuq id-dokument a fol. 27 tal-proċess kienet l-istess konsenja li kien qed jirreferi għaliha hu. Bl-istess mod għalkemm qal li għamel konsenja fil-*petrol station *tas-soċjetà konvenuta ġewwa Għajn Dwieli, fl-istess nifs qal li l-konsenja saret ġewwa garage li l-imsemmija soċjetà allegatament kellha Ħaż-Żabbar. Ċertament xhieda hekk konfuża u inċerta ma tistax titqies li sodisfaċentement tikkonferma u tikkorrobora dak allegat mis-soċjetà attriċi.*

*Fattur ieħor li serjament jimpinġi fuq il-kredibilità tal-allegazzjoni u konsegwenti pretensjoni tas-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta huwa l-inċertezza da parte tal-istess soċjetà attriċi fir-rigward tal-ammont lilha allegatament dovut mis-soċjetà konvenuta. Fil-fattura maħruġa fid-9 ta' Diċembru, 1994 – fol. 28 tal-proċess – il-valur pretiż huwa ta' LM929.36 u dana għall-konsenja li allegatament seħħet fil-25 ta' Ottubru, 1994. Bl-ittra uffiċjali datata 25 ta' April, 1996 – fol. 174 tal-proċess – is-soċjetà konvenuta ġiet interpellata tħallas* is-somma ta' elf Lira Maltin (LM1,000) rappreżentanti din is-somma prezz ta' merċa lilek mibjugħa u ikkonsenjata *u f'Marzu 1997 is-soċjetà attriċi talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' żewġ Mandati ta' Sekwestru bin-Numru 430/97 u 431/97 – fol. 195 sa 203 tal-proċess – għall-istess pretensjoni, b'kull wieħed minnhom in kawtela tal-valur ta' LM600 rappreżentanti* bejgħ u konsenja ta' lubricating oil lis-soċjetà intimata. *Il-proċeduri odjerni, istitwiti fis-6 ta' Marzu, 1997, ossia ġurnata biss qabel ma ntalab il-ħruġ tal-Mandati ta' Sekwestru msemmija in*

*kawtela tal-valur ta' LM600, ġew istitwiti għall-ħlas tas-somma ta' LM929.36. Huwa evidenti li s-soċjetà attriċi vvantat tliet ammonti għal kollox differenti bejniethom bħala l-valur tal-istess allegata konsenja.*

*Il-Qorti tirribadixxi li mhijiex affattu sodisfatta bil-livell ta' prova da parte tas-soċjetà attriċi u li tqis li l-imsemmija soċjetà ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru tal-prova imposta fuqha, ossia l-oneru li* l-attur jallega d-debitu għandu fl-ewwel lok u dejjem l-obbligu li jipprova l-kreditu minnu vantat. Inkella, fin-nuqqas li jagħmel dan, jibqa' jimpera l-prinċipju 'actor non probante, reus absolvitur.'

*Biex tipprova tissostanzja l-allegazzjonijiet u konsegwenti pretensjonijiet tagħha s-soċjetà attriċi esebiet ukoll tape ta' telefonati li allegatament seħħew bejn Paul Cassar u Michael Angelo Fenech fil-5 ta' Novembru, 1994 u fis-16 ta' Jannar, 1995 u bejn Charles Cassar u Michael Angelo Fench fl-4 ta' Jannar, 1995 u t-traskrizzjoni ta' dak li allegatament intqal bejniethom – fol. 156 sa 160 tal-proċess. Il-Qorti però ma tistax tqis li tali tape u konsegwenti traskrizzjoni huwa prova sodisfaċenti tal-veraċità ta' dak pretiż li jingħad fihom u dana billi ma hemmx mod kif jiġi kkonfermat li l-persuna li qed titkellem ma' Michael Angelo Fenech kienet fil-fatt Paul Cassar u/jew Charles Cassar u lanqas ma hemm mod kif jiġi kkonfermat li l-allegati telefonati verament seħħew fid-dati indikati mill-istess Michael Angelo Fenech.*

*Apparte minn hekk, din il-Qorti ġia kellha l-okkażjoni tittratta dwar l-illegalità ta' reġistrazzjoni ta' telefonat/i li tkun saret* ad insaputa *tal-parti l-oħra u b'hekk tal-valur probatorju tal-istess u fir-rigward issir referenza għad-Digriet datat l-1 ta' Lulju, 2013 mogħti fil-kawża fl-ismijiet* ***Jason Bonavia et v. Elton Calleja et, Rikors Nru. 2/12****, fejn appuntu ingħad* illi l-Qorti ma tistax tonqos milli tagħmel referenza għall-artikolu 15 tal-Kap. 391 tal-Liġijiet ta' Malta – Att dwar is-Servizz tas-Sigurtà – li jiddisponi illi: (i) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, kull min xjentement jinterċetta jew jinterferixxi ma' komunikazzjoni matul it-trasmissjoni tagħha bil-posta jew bil-mezz ta' sistema ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjoni jew b'kull mezz ieħor ikun ħati ta' reat u jista' jeħel, meta jinsab ħati, għar-rigward ta' kull reat priġunerija għal żmien mhux aktar minn sentejn jew multa ta' mhux aktar minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew dik il-priġunerija u multa flimkien. (2) Persuna ma tkunx ħatja ta' reat skont dan l-artikolu jekk – (a) il-komunikazzjoni tiġi interċettata jew interferita skont mandat maħruġ mill-Ministru skont l-artikolu 6; jew (b) dik il-persuna jkollha tassew għax taħseb li l-peruna li lilha, jew il-persuna li minnha, ssir jew tintbagħat il-komunikazzjoni tiġi interċettata jew interferita għal għanijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-għoti ta' servizzi postali, ta' radjokomunikazzjoni jew ta' telekomunikazzjonijiet jew bi twettiq ta' kull liġi li jkollha x'taqsam mal-użu ta' dawk is-servizzi. Minn dan l-

artikolu tal-Liġi joħroġ ċar li salv għal dak provdut fis-subregolamenti (2) u (3) tal-istess artikolu, l-interċettazzjoni – li tinkludi wkoll recording – ta', fost affarijiet oħra, telefonati mingħajr il-kunsens tal-persuna li tkun qed tagħmel jew tirċievi dik it-telefonata huwa illegali u għalhekk, ladarba fil-każ in eżami r-recording tat-telefonata bejn l-attur u l-konvenut saret mill-konvenut ad insaputa u b'hekk mingħajr il-kunsens tal-attur isegwi li l-istess hija illegali u konsegwentement mhux ammissibbli bħala prova.

*Dawn l-osservazzjonijiet tal-Qorti fid-Digriet tal-1 ta' Lulju, 2013 ġew ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2020 mill-appell intavolat f'dawk il-proċeduri inter alia mill-istess imsemmi Digriet. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi:* din il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tal-Ewwel Qorti u tikkonferma li kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15 tal-Kap. 391 huma ċari u ma jħallux lok għal interpretazzjoni kif donnhom qegħdin jippretendu l-appellanti meta jagħmlu riferiment għas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Skont dan l-artikolu, kull interċettazzjoni – li skont it-tifsira mogħtija fl-artikolu 2 tal-istess liġi tinkludi ukoll att ta' reġistrazzjoni – ta' komunikazzjoni b'diversi modi inkluż dik tat-telekomunikazzjoni, hija reat sakemm ma tkunx saret bis-saħħa ta' mandat maħruġ mill-Ministru skont l-artikolu 6 ta' dak l-att jew sakemm ma jkunx hemm il-kunsens tal-parti l-oħra. Fil-każ odjern ir-reġistrazzjoni saret mingħajr is-saħħa ta' mandat skont l-artikolu 6 u, kif sewwa osservat l-Ewwel Qorti, l-appellat ċertament ma kienx ta l-kunsens tiegħu. Dan ifisser li dik ir-reġistrazzjoni hija illegali u ma tistax tinġieb bħala prova. Ma' dan għandu jingħad ukoll li r-riferiment tal-appellanti għas-sentenza tal-Qorti Kriminali huwa żbaljat, prinċipalment għaliexx l-isfond hawnhekk mhuwiex wieħed ta' att kriminali. F'dawk il-proċeduri r-reġistrazzjoni saret f'kuntest ta' theddid lill-persuna li kienet irreġistrat it-telefonata, iżda fil-proċeduri odjerni huma l-appellanti stess li fir-risposta tagħhom għat-talba ta' sfilz ippreżentata mill-appellati quddiem l-Ewwel Qorti, li jitfgħu dawl fuq dak li ntqal meta jgħidu li tali reġistrazzjoni tikkostitwixxi 'prova ta' transazzjoni kummerċjali'. Is-sentenza fl-ismijiet AB v. CB ukoll m'għandhiex rilevanza għall-każ odjern, għaliex minn qari akkurat tagħha jirriżulta li għalkemm wieħed mix-xhieda ppreżenta r-reġistrazzjoni ta' telefonata li saret ma' missieru, ma sar l-ebda riferiment mill-Qorti għall-istess reġistrazzjoni fil-konsiderazzjonijiet tagħha li wassluha għad-deċiżjoni finali. Anki fis-sentenza fl-ismijiet Onor. David Agius v. Aleks Farrugia l-Qorti tal-Appell (Ċivili Inferjuri) ma straħet bl-ebda mod fuq ir-reġistrazzjoni tat-telefonata li kienet ġiet ippreżentata mill-konvenut. Barra minn hekk għandu jiġi osservat li fl-ebda proċedura imsemmija ma kien hemm talba għall-isfilz mill-parti l-oħra għal kwalunkwe raġuni, u għalhekk kien għall-Qrati rispettivi li jiddeċiedu x'piż kellhom jagħtu lil dik il-prova.

*Fil-fehma tal-Qorti dawn l-osservazzjonijiet appena ċitati japplikaw ukoll fil-każ in eżami u b'hekk in kwantu r-reġistrazzjoni sottomessa minn Michael Angelo Vella a fol. 156 tal-proċess hija llegali, l-istess, bil-konsegwenti traskrizzjoni tagħha, ma tista' u ma għandha tingħata l-ebda piż probatorju u bħala tali qed tiġi għal kollox skartata.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li t-talba attriċi ma ġietx debitament ippruvata mis-soċjetà attriċi u bħala tali tirriżulta għal kollox inġustifikata u b'hekk ma tistax tiġi milqugħa.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mis-soċjetà konvenuta, tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta fil-mertu u konsegwentement tiċħad it-talba attriċi.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu a karigu tas-soċjetà attriċi.*

## **L-Appell**

11. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha minn din is-sentenza fit-3 ta' Mejju, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevata mis-soċjetà konvenuta, u tħassarha, tirrevokaha u tikkanċellaha fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta fil-mertu u konsegwentement, prevja ċ-ċaħda ta' tali eċċezzjonijiet, tilqa' t-talba attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà konvenuta appellata."*

12. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata wara li l-Ewwel Qorti qieset li kellha tagħmel tliet konsiderazzjonijiet li wassluha sabiex tikkonkludi li ma kienx hemm provi sufficjenti dwar il-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi, (i) li d-*delivery note* kienet iffirmata mix-xufier li wassal il-merkanzija lis-soċjetà appellata fuq insistenza ta' Michael Angelo Fenech, ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi; (ii) li x-xufier li wassal il-merkanzija in kwistjoni ma kienx ċar fid-depożizzjoni tiegħu; (iii) ir-reġistrazzjoni tat-telefonata bejn ir-

rappreżentanti tas-soċjetajiet kontendenti ma tistax titqies bħala prova stante li saret illegalment. Fil-fehma tas-soċjetà appellanta, dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu żbaljati.

13. Is-soċjetà appellanta qalet li fil-proċeduri ċivili, il-provi jridu jiġu evalwati fuq miżien differenti minn dak użat fi proċeduri kriminali. Qalet li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistenna li s-soċjetà attriċi tippreżenta provi li jwassluha għaċ-ċertezza. Qalet li jekk wieħed iħares lejn il-provi prodotti, wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li s-soċjetà appellanta ppruvat il-każ tagħha fuq bażi ta' probabbilità, u s-soċjetà appellata ftit li xejn għamlet sabiex tikkontradixxi tali provi. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għax-xhieda ta' Michael Angelo Fenech, fejn spjega li t-tifel ta' ħuh Michael Fenech kien qallu li kien ħareġ *invoice* u li kien ħalliha l-uffiċċju. Is-soċjetà appellanta għamlet ukoll riferiment għax-xhieda ta' Felix Tabone, u qalet li ma tistax tifhem kif l-Ewwel Qorti kkummentat fis-sens li ma setgħetx tistrieħ fuq ix-xhieda tiegħu. Qalet ukoll li għalkemm laħaq għadda ż-żmien mid-data tal-konsenja, u allura ċerti dettalji jilħqu jintesew, madanakollu x-xhud kien ftakar li l-konsenja inkwistjoni kienet saret, ftakar fejn saret, kif ukoll min kien akkumpanjah. Qalet li l-istess xhud, fl-istess seduta spjega li s-soċjetà appellata kellha żewġ postijiet fejn setgħet tirċievi l-merkanzija, garaxx f'Għajn Dwieli u *petrol station* f'Ħaż-Żabbar. Is-soċjetà appellanta qalet li min-naħa l-oħra, Charles Cassar in rappreżentanza tas-soċjetà appellata kien vag ħafna meta xehed, u għalkemm kien indeċiż dwar jekk il-konsenja saritx jew le, qal ukoll li kwalunkwe pendenza li kien hemm bejn il-partijiet kienet ġiet saldata. Is-soċjetà appellanta qalet li s-soċjetà appellata la ressqet lil Michael Fenech u lanqas lil Freddie Fenech bħala xhieda, u għalhekk

id-difiża tal-pagament ma tistax tirnexxi għaliex lanqas biss ittellgħu jixhdu persuni li allegatament sar l-arranġament magħhom. Is-soċjetà appellanta qalet li anki Paul Cassar, rappreżentant ieħor tas-soċjetà appellata, kien evażiv fir-risposti tiegħu, u minkejja li għall-bidu qal biss li s-soċjetà appellanta kienet tieħu l-petrol mingħand l-appellata, f'seduta oħra beda jitkellem dwar l-allegat *set-off* li seħħ bejn iż-żewġ soċjetajiet. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-fatt li l-istess Cassar qal li kien qabad ċekk li rċieva u ġġirah favur is-soċjetà appellanta, u qal ukoll li ma jiftakarx is-soċjetà appellata mingħand min kellha tieħu dawn it-tletin Lira Maltin. Is-soċjetà appellanta żiedet tgħid li għandu jirriżulta li hija ma kinitx tixtri mingħand is-soċjetà appellata, iżda kienet kumpannija oħra bl-isem MedLubs Limited li din kellha tirċievi l-LM30, prova li kienet MedLubs li kienet tixtri mingħand l-appellata u mhux l-appellanta. Kompliet tgħid li għalhekk ma setgħet iseħħ l-ebda *set-off.* Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li f'dan ir-rigward lanqas m'huwa importanti li d-*delivery note* ġiet iffirmata mix-xufier biss, għaliex mill-provi rriżulta li min irċieva l-konsenja naqas li jiffirmaha kif soltu jsir. Qalet li kien għalhekk li Michael Angelo Fenech talab lix-xufier jiffirmaha hu, sabiex almenu jkun hemm prova li l-konsenja twasslet fid-destinazzjoni tagħha.

14. It-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta huwa dwar il-validità tal-prova tat-telefonata reġistrata. Qalet li fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ġew esebiti traskrizzjonijiet ta' telefonati bejn rappreżentanti taż-żewġ partijiet f'dawn il-proċeduri, fejn ir-rappreżentant tas-soċjetà appellata qed jinstema' jammetti d-dejn inkwistjoni. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li r-reġistrazzjoni ta' din it-telefonata saret b'mod illegali, u għalhekk ma setgħetx titqies bħala prova.

Qalet ukoll li s-soċjetà appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għamlet riferiment għal numru ta' sentenzi, li l-Ewwel Qorti għamlet tagħha mingħajr ma spjegat għal liema raġuni ma taqbilx mas-sentenzi ċċitati mis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li r-riferiment għall-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurtà (Kap. 391) m'għandu l-ebda rilevanza għaċ-ċirkostanzi odjerni, għaliex dan l-Att jirregola l-proċeduri u t-tħaddim ta' tali Servizzi, u joħloq reat għal min jinterferixxi mat-tħaddim tas-Servizzi Sigrieti. Kompliet tgħid li dan l-Att ma joħloqx reati dwar fatti li ma jseħħux fl-ambitu ta' xi investigazzjoni jew ordni tal-Qorti. Qalet li għalhekk l-interċettazzjoni, it-tfixkil u r-reġistrazzjoni kkontemplati f'dak l-Att huma biss fir-rigward tal-interċettazzjoni ta' telefonati bejn terzi, u mhux bejn min ikun qiegħed jirreġistra t-telefonata u l-persuna l-oħra li tkun qiegħda titkellem magħha. Is-soċjetà appellanta qalet li l-artikolu 350 tal-Kap. 9 jagħmel riferiment għal *'kampjun mhux intimu'* li jinkludi *'kampjun tal-vuċi'*, u għalhekk anke l-liġi penali tikkontempla l-produzzjoni ta' vuċi bħala prova mingħajr il-ħtieġa ta' xi awtorizzazzjoni tal-Qorti. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li meta saret ir-reġistrazzjoni tat-telefonata in kwistjoni, fuq l-apparat telefoniku tagħha kien hemm messaġġ li javża li t-telefonata setgħet tiġi rreġistrata, u għalhekk din it-traskrizzjoni għandha tiġi ammessa bħala prova.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

15. Fir-risposta tagħha s-soċjetà appellata wieġbet li tul dawn il-proċeduri hija dejjem ċaħdet li għandha tagħti lis-soċjetà appellanta. Spjegat li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, dwar id-*delivery note* u x-xhieda tax-xufier Felix Tabone, m'huma xejn ħlief ilment rigward l-apprezzament li l-Ewwel Qorti

għamlet dwar il-prova tad-*delivery note* u x-xhieda tax-xufier. Is-soċjetà appellata qalet li hemm ġurisprudenza voluminuża u ben stabbilita li tgħid li qorti fit-tieni grad m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li jkun sar mill-Ewwel Qorti mingħajr raġuni valida. Il-qorti fl-ewwel istanza jkollha opportunità tisma' x-xhieda, tevalwa l-komportament u l-bixra tax-xhud u kif dan jirreaġixxi taħt il-piż tal-kontro-eżami u għad-domandi tal-qorti, u għajr għal każijiet fejn l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel qorti jkun manifestement żbaljat u jkun qiegħed jikkawża inġustizzja manifesta, qorti fil-grad ta' reviżjoni m'għandhiex tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-provi. Is-soċjetà appellata qalet li l-Ewwel Qorti spjegat li s-soċjetà appellanta kellha tipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni ċentrali tagħha li s-soċjetà appellata hija debitriċi tagħha, u kkonkludiet li ma kinitx għamlet dan. Kien għalhekk li l-Ewwel Qorti spjegat li hija xejn ma kienet konvinta, lanqas moralment, li s-soċjetà appellata hija debitriċi tas-soċjetà appellanta fis-somma minnha pretiża, jew li fil-25 ta' Ottubru, 1994 saret konsenja ta' għaxar *drums* żejt u li konsegwentement kellu jsir ħlas għal din il-konsenja. Is-soċjetà appellata qalet li l-Ewwel Qorti irrilevat ukoll kif id-*delivery document* tal-25 ta' Ottubru, 1994 kien ġie kkreat u ffirmat minn Michael Angelo Fenech, li ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-konsenja, u dan ġranet wara li din suppost seħħet, mingħajr ma dan id-dokument ġie kkorroborat u kkonfermat. L-Ewwel Qorti rrimarkat ukoll dwar l-inċertezza da parti tas-soċjetà appellata fir-rigward tal-ammont eżatt lilha allegatament dovut, u kif is-soċjetà appellanta, f'dokumenti u f'dati differenti, semmiet tliet ammonti differenti bħala l-valur tal-allegata konsenja.

16. Is-soċjetà appellata qalet li apparti l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, hija tixtieq tagħmel riferiment ukoll għas-sottomissjonijiet tagħha dwar il-provi prodotti mis-soċjetà appellanta, fejn Michael Angelo Fenech stess ammetta li huwa ma kienx jaf b'ċertezza x'kien ġara. Qalet li l-problema oriġinat mill-inkwiet li kellhom bejniethom membri differenti tal-familja Fenech, u kien minħabba f'dawn il-problemi li kemm Michael Fenech u missieru Alfred ħadmu l-aħħar fil-25 ta' Ottubru, 1994, u dakinhar għamlu diversi konsenji lil klijenti tas-soċjetà appellanta mingħajr ma ħarġu *invoices* jew ittieħdu *delivery notes.* Is-soċjetà appellata qalet li jekk huwa minnu li saru diversi konsenji b'dan il-mod, is-soċjetà appellanta ma kellux ikollha diffikultajiet biex iġġib provi dwar dan, u lanqas ma nġabet prova li fil-kotba tagħha kien hemm xi diskrepanza fil-kontijiet tal-bejgħ jew xiri tal-*istock.* Is-soċjetà appellata qalet li lanqas ix-xufier Felix Tabone ma tant kien ċar f'dak li qal, u l-ewwel qal li ħa konsenja f'*petrol station* Għajn Dwieli, iżda imbagħad qal li ma kienx ċert jekk din il-konsenja kinitx l-istess waħda li tidher fl-*invoice a fol.* 27. Sussegwentement l-istess xhud biddel il-verżjoni u qal li l-konsenja saret f'garaxx Ħaż-Żabbar, u f'seduta oħra wera biċ-ċar li kien qiegħed jiddejjaq jixhed dwar dan, u qal li ma setax jiftakar ċerti affarijiet. Tabone qal li miegħu kien hemm Michael Fenech, u li dan tal-aħħar ħa ħsieb il-karti hu, u li hu la għamel *delivery note* u lanqas *invoice.* Tabone lanqas ma kien ċert li l-firma murija lilu fil-fatt kienet tiegħu. Min-naħa l-oħra Michael Angelo Fenech ammetta li kien hu li ħoloq id-*delivery document* abbażi ta' dak li allegatament qallu x-xufier, mingħajr ma hemm firem ta' xi esponent tas-soċjetà appellata fuq dan id-dokument, u mingħajr konferma li din il-konsenja fejn saret. Is-soċjetà appellata qalet li kemm Charles Cassar, rappreżentant tagħha, u anke ħuh Paul Cassar, xehdu li ma kienx hemm

pendenzi bejn iż-żewġ kumpanniji, u li n-negozju dejjem kien isir ma' Michael Fenech, li kien il-persuna inkarigata mill-bejgħ u l-konsenji f'isem s-soċjetà appellanta.

17. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, fir-rigward tar-reġistrazzjoni u t-traskrizzjoni tat-telefonati li allegatament seħħew. Is-soċjetà appellata qalet li l-ewwel darba li Michael Angelo Fenech semma r-reġistrazzjoni bit-*tape* u t-traskrizzjoni, kien tlettax-il sena wara li nbdiet il-kawża. Qalet li għandu jirriżulta li Michael Angelo Fenech ħa din ir-reġistrazzjoni bil-moħbi u mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, u għalhekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija korretta u għandha tiġi kkonfermata, għaliex m'hemm l-ebda sigurtà li r-*recording* kien wieħed awtentiku u sħiħ, u l-fatt li Michael Angelo Fenech ħeba dan it-*tape* għal diversi snin ma jispirax fiduċja.

18. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li ntqal qabel, li fil-fehma tagħha l-azzjoni tas-soċjetà appellanta hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16, u dan minħabba li x-xiri ta' żejt mingħand is-soċjetà appellanta kien dejjem isir bl-imnut. Qalet li m'hemm xejn x'jorbot l-ittra uffiċjali tal-25 ta' April, 1996 mal-allegata konsenja ta' għaxar tankijiet taż-żejt lis-soċjetà appellata f'Għajn Dwieli, partikolarment għaliex f'din l-ittra ma jissemmewx l-għaxar tankijiet taż-żejt, iżda tissemma biss il-kelma *'merce'*. Qalet ukoll li lanqas l-ammont ma jaqbel. Is-soċjetà appellata qalet li skont ma jirriżulta mid-dokument *a fol.* 28, il-pretensjoni tas-soċjetà appellanta hija għall-ħlas għal tliet tipi ta' żejt li bejniethom il-kont kien ta' LM929.36, u għalhekk din iċ-ċifra hija waħda preċiża ħafna. Qalet li jekk l-ittra uffiċjali

tirreferi għall-istess merkanzija, din għandha tirrifletti dan biċ-ċifra u d-deskrizzjoni. Qalet ukoll li meta ġie ppreżentat il-mandat ta' sekwestru, is-soċjetà appellanta semmiet is-somma ta' LM600. Is-soċjetà appellata qalet li sabiex ikun hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni, din trid tirriżulta b'mod ċar u univoku, li mhux il-każ fil-kawża preżenti, u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni m'għandhiex tiġi milqugħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mis-soċjetà appellata u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Is-soċjetà appellanta fetħet proċeduri kontra s-soċjetà appellata għall-ħlas ta' merkanzija li hija tallega li ġiet ikkonsenjata lis-soċjetà appellata fil-25 ta' Ottubru, 1994, ġurnata li nzertat kienet l-aħħar ġurnata fl-impjieg mas-soċjetà appellanta għax-xufier li wassal il-konsenja u għall-persuna li kienet tinnegozja l-bejgħ u x-xiri f'isem is-soċjetà appellanta. Il-Qorti tirrileva kif dak iż-żmien is-soċjetà appellanta kellha diversi diffikultajiet fl-operat tagħha, partikolarment minħabba diżgwid bejn esponenti tagħha, ilkoll membri tal-istess familja. Dawn il-proċeduri ġew istitwiti għaliex is-soċjetà appellanta qiegħda tallega li saru xi konsenji li għalihom la nħarġu *invoices* u lanqas *delivery notes,* a skapitu tagħha. Mhux magħruf, għaliex ma jirriżultax mill-provi, jekk dawn kinux l-uniċi proċeduri li kellha tippteżenta s-soċjetà appellanta sabiex tiġbor ħlasijiet li hija tallega li huma dovuti lilha wara konsenji li saru minnha.

*L-ewwel aggravju:* *[provi dwar il-pretensjonijiet tas-soċjetà appellanta]*

20. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-Ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament korrett tal-provi meta kkonkludiet li hija ma kinitx moralment konvinta li l-konsenja li l-ħlas tagħha għadu pretiż, verament saret, jew saret fl-ammonti li qiegħda tippretendi s-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-provi mressqa minnha kellhom iwasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tikkonkludi li fuq bażi ta' probabbiltajiet, hija seħħilha tipprova l-każ tagħha, partikolarment meta wieħed iqis dak li xehed Felix Tabone, li dak iż-żmien kien ix-xufier li allegatament wassal il-konsenja in kwistjoni lis-soċjetà appellata, li ftakar li kien ħa xi merkanzija, ftakar fejn mar biha, u ftakar ukoll min kien akkumpanjah dakinhar. Min-naħa l-oħra s-soċjetà appellanta qalet li, xhieda li tressqu min-naħa tas-soċjetà appellata, kienu evażivi jew vagi fix-xhieda tagħhom, filwaqt li xhieda oħra, bħal Michael Fenech u Alfred (Freddie) Fenech, li allegatament kien sar arranġament magħhom għat-tpaċija, ma tressqux sabiex jixhdu. Il-Qorti tibda billi tirrileva li dan l-argument tas-soċjetà appellanta dwar il-persuni li tressqu jixhdu mis-soċjetà appellata, mhuwiex sostenibbli għaliex ma kien hemm xejn x'iżomm lis-soċjetà appellanta milli titlob ix-xhieda in subizzjoni ta' persuni li setgħu jitfgħu aktar ċarezza dwar dak li ġara, u għalhekk m'għandux ikun li fir-rikors tal-appell naħa jew oħra tipprova tislet xi konklużjoni mill-fatt li xi persuni ma jkunux tressqu jixhdu min-naħa l-oħra.

21. Il-Qorti tqis li f'dawn il-proċeduri ġie ppruvat li s-soċjetà appellanta kienet tagħmel konsenji ta' *lubricating oil* lis-soċjetà appellata b'mod regolari fuq perijodu ta' żmien, u l-kwantitajiet taż-żejt mibjugħa ma kinux ikunu daqstant kbar. Esponent tas-soċjetà appellata xehed li l-aktar li kienu jinxtraw kienu żewġ

tankijiet taż-żejt f'daqqa kull darba li kienet issir konsenja lis-soċjetà appellata. Huwa għalhekk diffiċli li wieħed jemmen dak li qegħda tallega s-soċjetà appellanta, li ġew ikkonsenjati għaxar tankijiet taż-żejt f'daqqa, partikolarment fin-nuqqas ta' prova dwar kemm kien ikun l-ammont tat-tankijiet li normalment kienu jiġu kkonsenjati lis-soċjetà appellata. Jirriżulta wkoll li fiż-żmien rilevanti, esponenti tas-soċjetà appellanta kellhom diżgwid bejniethom, u x-xufier u Michael Fenech kienu ħadmu l-aħħar mas-soċjetà appellanta dakinhar li kienet saret il-konsenji inkwistjoni, fl-24 ta' Ottubru, 1994. Dakinhar ma kienux inħarġu *delivery notes* u lanqas *invoices* mal-konsenji li saru, u għalhekk Michael Angelo Fenech, direttur tas-soċjetà appellanta, xehed li kien hu li xi ġranet wara li saret din il-konsenja, ħareġ *delivery note* u ffirmaha hu, filwaqt li ġiegħel lix-xufier Felix Tabone jiffirma li l-konsenja kienet saret u jindika n-numru tat-trakk li kien intuża għall-konsenja. Ix-xufier Felix Tabone kkonferma li huwa qatt ma kien jiffirma d-*delivery notes,* u li din kienet l-ewwel darba li huwa ntalab jiffirma għal xi konsenja li tkun saret. Jirriżulta wkoll li ħadd mill-esponenti tas-soċjetà appellata ma ntalab jikkonferma li l-konsenja kienet saret, u dan id-dokument ġie redatt fl-assenza ta' rappreżentanti tas-soċjetà appellata. Kien in vista ta' dan kollu li l-Ewwel Qorti qalet li hija ma ħassithiex konvinta li l-konsenja in kwistjoni kienet saret. L-Ewwel Qorti rrilevat li tul is-snin ma kienx hemm konsistenza fir-rigward tal-ammonti pretiżi mis-soċjetà appellanta, hekk li l-ammont indikat fiż-żewġ mandati ta' sekwestru li saru ma jaqbilx mal-ammont pretiżi f'dawn il-proċeduri. Jirriżulta wkoll li s-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda prova oħra, għajr għal dak li qiegħed jiġi allegat minn Michael Angelo Fenech, li l-konsenja in kwistjoni saret, bħal ma kienet tkun per eżempju prova ta' xi diskrepanza fl-i*stocks* tagħha, jew prova dwar l-ammonti ta' tankijiet taż-

żejt li soltu kienu jinxtraw mis-soċjetà appellata. Kien din in-nuqqas ta' ċarezza li wasssl lill-Ewwel Qorti tikkonkludi li hija mhijiex konvinta mill-pretensjonijiet tas-soċjetà appellanta, lanqas fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.

22. Din il-Qorti hija tal-istess fehma, jiġifieri li kien hemm wisq diskrepanzi fil-provi prodotti sabiex seta' jiġi stabbilit li l-pożizzjoni tas-soċjetà appellanta f'dawn il-proċeduri hija sorretta mill-provi. Anki x-xhieda mogħtija minn Felix Tabone, li tant saret enfasi dwarha fit-trattazzjoni li semgħet din il-Qorti, kienet inkonsistenti, għaliex darba qal li l-konsenja ttieħdet f'garaxx Għajn Dwieli, u darba oħra qal li din ittieħdet f'pompa tal-petrol Ħaż-Żabbar. Fuq kollox din il-Qorti tirrileva li l-każ tas-soċjetà appellanta huwa mibni fuq *delivery note* li saret minn esponent tal-istess kumpannija, *ad insaputa* tas-soċjetà appellata, fejn il-pretensjoni tas-soċjetà appellanta hija li saret konsenja ta' tankijiet taż-żejt, liema konsenja ġiet miftiehma ma' terz (Michael Fenech), u mhux ma' Michael Angelo Fenech, li huwa l-persuna li ħejja d-*delivery note* in kwistjoni. L-ammont ta' tankijiet taż-żejt allegatament ikkonsenjati mis-soċjetà appellanta lanqas ma jaqbel mal-ammont ta' tankijiet li soltu kienu jiġu kkonsenjati lis-soċjetà appellata. In vista ta' dakollu li jirriżulta mill-provi, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti meta kkonkludiet li l-pretensjonijiet tas-soċjetà appellanta ma ġewx ippruvati u għalhekk tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[L-ammissibilità tat-traskrizzjonijiet tat-telefonati li saru]*

23. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata wkoll fil-konsiderazzjonijiet li għamlet rigward l-ammissibilità bħala prova tat-telefonata

li ġiet irreġistrata minn Michael Angelo Fenech, u li t-traskrizzjoni tagħha ġiet ippreżentata quddiem l-Ewwel Qorti. Fil-fehma tas-soċjetà appellanta, din it-traskrizzjoni kellha titqies bħala prova ammissibbli, partikolarment għaliex anki l-Kodiċi Kriminali jikkontempla sitwazzjoni fejn kampjun tal-vuċi huwa meqjus bħala prova ammissibbli, kif ukoll għaliex is-sistema telefonika tas-soċjetà appellanta kienet tinforma lil min iċempel lil din il-kumpannija li t-telefonati qegħdin jiġu rreġistrati.

24. Din il-Qorti tirrileva li l-prova li fitxet li tagħmel is-soċjetà appellanta mhijiex prova li tista' tiġi ekwiparata mat-teħid ta' kampjun tal-vuċi. Is-soċjetà appellanta, *ad insaputa* tas-soċjetà appellata, irreġistrat telefonata li allegatament saret bejn esponent tas-soċjetà appellanta u rappreżentanti tas-soċjetà appellata diversi snin wara li kienu nbdew il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, u ppreżentat it-traskrizzjoni ta' din it-telefonata bħala prova. Il-Qorti tikkondividi l-pożizzjoni meħuda mill-Ewwel Qorti, li ma jistax jiġi stabbilit b'ċertezza la li t-telefonata saret, u lanqas li d-diskursata verament seħħet bejn Michael Angelo Fenech u rappreżentanti tas-soċjetà appellata. Lanqas m'hemm mod kif jiġi stabbilit b'ċertezza li din it-telefonata saret fid-dati indikati. Huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tikkonferma dak deċiż mill-Ewwel Qorti, u tqis li t-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

25. Il-Qorti sejra tagħmel xi konsiderazzjonijiet dwar iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà appellata fir-risposta tal-appell tagħha, u dan mingħajr ma sar appell inċidentali da parti tas-soċjetà appellata dwar dan. Il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, li f'dan il-każ ma tapplikax il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar *ai termini* tal-artikolu 2148(b) tal-

Kap. 16, għaliex ir-relazzjoni bejn il-partijiet ma kinitx waħda fejn kien qiegħed isir bejgħ bl-imnut tal-*merce* in kwistjoni. Is-soċjetà appellata ppruvat targumenta li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda interruzzjoni tal-preskrizzjoni għaliex anki l-ittra uffiċjali li ġiet ippreżentata ma jistax jintqal li tinkludi dettalji relattivi għall-konsenja partikolari li s-soċjetà appellanta tippretendi li saret. Il-Qorti iżda hija tal-fehma għall-istess raġunijiet spjegati mill-Ewwel Qorti, li hawnhekk m'hawnx sitwazzjoni ta' bejgħ bl-imnut, u għalhekk ma tapplikax il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar eċċepita mis-soċjetà appellata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**